MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Numru. 25/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**RAYMOND CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND CAMILLERI** ta' tnejn u ghoxrin sena, bin Joseph u Coronata nee Muscat, imwieled Victoria, Ghawdex nhar t-tlettax ta' Settembru 1979 u residenti 'East House', Triq tat-Targa, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 22979G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbatax ta' Gunju 2003 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-fond 'Littlewood', Triq tat-Targa, Nadur, Ghawdex,

1. Hedded lil Teresa Debonoo bil-kliem 'noqtlok u noqtol il-pagun'.
2. Talli fil-hmistax ta' Gunju 2003, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, fi Triq tat-Targa, Nadur, Ghawdex, qal kliem oxxen fil-pubbliku, insulenta u hedded lil Charles Debono minn Nadur;
3. Talli fis-sittax ta' Gunju 2003, ghall-habta tat-tmienja w kwart ta' filghaxija;
(a) ikkommetta vjolazzjoni tal-proprjeta` ghad-dannu ta' Charles u Teresa konjugi Debono meta tela' fuq il-bejt tad-dar taghhom bl-isem 'Littlewood', Triq tat-Targa, Nadur, Ghawdex;
(b) talli ghamel hsara volunarja ghad-dannu ta' Charles u Teresa konjugi Debono billi qatel pagun proprjeta` taghhom, liema pagun jiswa mitt lira Maltin (LM100), kisser gagga proprjeta` taghhom b'valur ta' hamsin lira Maltin (LM 50) u tajjar zewgt ghasafar minn go gagga li jiswew b'kollox madwar tletin lira Maltin (LM 30).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena, l-imputat jigi ordnat li ma jimmolestax lil imsemmija Charles u Teresa konjugi Debono ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan nhar l-hdax ta' Settembru 2003 u cioe` meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Marzu 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2003 **xehed PS 187 Mario Cassar** kif jirrizulta a fol 9 et seq tal-atti fejn qal li nhar il-wiehed u ghoxrin ta’ Gunju, 2003 huwa kien ircieva rapport minghand Carmel Debono li fil-hmsitax ta’ Gunju, 2003 huwa kien gie mhedded u insulentat mill-gar tieghu li joqghod faccata tieghu u cioe` mill-imputat, liema insulti kienu indirizzati allegatamet kemm lilu kif ukoll lejn martu. Dakinhar huwa cempel lill-imputat biex jghidlu dwar dan ir-rapport u fil-pront l-imputat wiegbu li kien imdejjaq bil-pagun tal-imputat.  Huwa esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport u l-Qorti mmarkatu bhala dokument CSH 4 a fol 10 tal-atti.

Illi nhar il-hdax ta’ Settembru, 2003 xehed **PS 369 Joseph Mizzi** kif jirriusulta a fol 12 tal-atti fejn qal li fis-sittax ta’ Gunju, 2003 ghal-habta tat-tmienja u kwart ta’ filghaxija huwa kien ircieva rapport minn Charles Debono fejn qallu li kien qed jisma xi hsejjes fuq il-bejt tieghu u meta effettivament tela’ fuq il-bejt sab li kellu il-pagun b’rasu maqtugha.  Meta Debono tkellem ma martu hija qaltlu li kienet semghet lill-imputat ighid li jrid joqtol il-pagun u semghatu jhabbat fuq il-karozza tieghu.

**PC 369 Joseph Mizzi** kellem lill-imputat u dan qallu li dakinhar huwa kien spicca mix-xoghol ghall-habta tat-tlieta u nofs u baqa sejjer fir-raba li ghandu u dam hemm sas-sitta ta’ filghaxija.  Wara mar jiekol u qad ihabbat fuq il-bumper tal-vettura tieghu ghaliex kellu ghafsa, u ghalhekk telghaha bil-martell.  Qallu li l-hsejjes tal-pagun kienu jdejjquh ghaliex il-kamra tas-sodda tieghu tinsab f’livell mal-bejt ta’ Debono fejn kien jinzamm il-pagun. Pero huwa cahad li tela fuq il-bejt ta’ Debono u qatillu l-pagun.  Cahad ukoll li ghall-habta tas-sebgha u nofs ghadda ma gemb Christine Debono bil-vettura. Sussegwentement PC 369 Mizzi mar fuq il-post ta’ Debono, mar fuq il-bejt u ra li kien naqra impossibli li xi hadd jitla fuq il-bejt tal-kwerelant Debono.  Huwa jghid ex admissis a fol 13 “*Dan kif seta tela’?*”  Mistoqsi jekk kellimx lill-girien, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u lanqas biss investiga l-ghada fl-ekwati.  Mistoqsi jekk iccekjax l-alibi tal-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u huwa wasal biex akkuza lill-imputat fuq dak li qallu Debono mhux ghax

irrizulta lilu. Misoqsi in kontro ezami nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Ottubu, 2003 jekk Debono indikalux li ra lill-imputat fuq il-bejt, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li qallu biss li sema l-istorbju fuq il-bejt.

**Charles Debono** xehed nhar l-hdax ta' Settembru 2003 a fol 15 et seq tal-atti u spjega li xi jiem qabel l-incident fejn safa maqtul il-pagun waqt li kien id-dar mal-mara sema l-qanpiena tad-dar u sab lill-imputat jhedded lil mara u jghid; "*Ha nitla noqtlu, ha nitla noqtlok u ha nitla noqtolkom*". Huwa bed jidghi u jghid kliem dagha fahxi. L-ghada rega kien fil-gallerija u sema lill-imputat joffendih bi kliem mhux xieraq. Huwa cempel lill-Pulizija biex jirraporta dan l-incident u dak ta' lejliet. Mistoqsi mill-Pulizija a tempo vergine tal-investigazzjoni ghaliex ma rraportax il-kaz dakinhar, huwa wiegeb li l-affari kienet qed tisserja u ghalhekk dehrlu li kellu icempel dakinhar.

L-ghada spjega li waqt li kien id-dar jiekol mal-familjari tieghu semgha hsejjes mhux tas-soltu fuq il-bejt. Huwa tela' fuq il-bejt u ra il-pagun b'rasu barra joghla mas-saqaf. Huwa jghid li ra lill-imputat b'mus li jinghalaq f'idu jaqbez il-bjut u rah jaqbez sitt ibjut biex tela ghandu. Huwa ikkonferma li l-bjut bicciet minnhom huma perikoluzi. Fuq domanda tad-difiza ix-xhud jghid ukoll li indika lill-ufficjal u cioe` lil PS 369 Joseph Mizzi li kien ra lill-imputat fuq il-bejt jaqbez mill-bejt ta' ma genbu.

Huwa esebixxa sett ritratti mehuda minnu kif ukoll stima mahruga minn Almar Petshop dwar il-prezz ta' pagun u tlett farawni ghas-somma ta' mitt lira Maltin u hamsin centezmu (LM 100.50), (dok AP fol 24), u stima tal-ispejjes involuti dwar il-gagga li giet distrutta fl-ammont ta' hamsin lira Maltin (LM 50) (dok AP 1 fol 25).

Meta **Debono rega' xehed** fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003, zied bicca max-xhieda tieghu principali u cioe` li appena ra lill-imputat jigri fuq il-bjut tefghalu bicca maduma. Huwa spjega wkoll illi l-bejt tieghu ghandu seba filati opra morta u mbghad il-persuna trid tixxabat mhux hazin biex titla fuq il-bejt tieghu. Qal illi l-Pulizija dakinhar qallu li kien id-dlam u li kellu darhu jugghaw, meta stiednu

biex jurih minn fejn nizel l-imputat. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm slielen, ix-xhud qal li kien hemm sellun. Qal ukoll li l-Pulizija ma ridx jarah, lanqas ma kien interessat.

**Paul Buttigieg** xehed nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 u qal illi huwa hareg l-istima dok AP 1 fuq dak li qallu Debono. Debono qallu li kellu bzonnha ghal tal-Insurance. Huwa jghid li qatt ma mar fuq il-post u x-xoghol ma kienx rah. Fil-fatt huwa kiteb tletin lira Maltin (LM 30) ghax qallu Debono u nizzel ghoxrin lira Maltin (LM 20) bhala spejjez tax-xoghol ghal nofs ta’ nhar jew gurnata.

**Teresa Debono** xehdet nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 (fol 28) u ikkonfermat li darba fost l-ohrajn l-imputat rama jidghi u jghajjat u jghid li ried joqtol il-pagun u lilha u zewgha, u hi qaltlu mela ser izzommu responsabbli f’kaz li jigri xi haga. Darba minnhom semghet tisbita fuq karozza u harget titawwal mill-gallerija u rat lill-imputat ihabbat fuq il-karozza tieghu u jghid “noqtlu, noqtlu”. Imbghad baghtet lit-tifla tixtrilha u meta irritornat qaltilha li l-imputat kien ser itajjarha bil-vettura. Imbghad kienet ser tiekol mal-familja, semghet hoss fuq il-bejt, telghet tigri fuq il-bejt u rat il-pagun jghola mal-gagga u rix itir. Qalet li nizlet tigri ccempel lill-Pulizija waqt li zewgha ra lill-imputat jaqbez il-bjut u qalilha li l-imputat kien dahal gol-proprjeta` taghha. Hija pero tikkonferma li lill-imputat ma ratux ghalkemm kienet hdejn zewgha. Qalet ukoll li zewgha qalilha li kien hemm qisu gebel tela fuqhom u rah jaqbez il-bjut.

**Carmel Grima** xehed nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004 u qal li huwa qatt ma kein ra l-pagun qabel ma miet pero il-valur ta’ pagun ghall-bejgh huwa ta’ tnejn u sebghin lira Maltin (LM 72). Waqt li l-farewni jinbieghu bejn tmienja u ghaxar liri Maltin.

**Raymond Camilleri** xehed minn jeddu u b’mod volontarju nhar l-hdax ta' Marzu 2004. Huwa cahad b’mod kategoriku li qatt ma dahal fil-fond li gie akkuzat bih. Qal illi huwa impossibli li jitla fuq il-bejt ta’ Debono ghaliex huwa jghix faccata tieghu u l-uniku mezz hu li jixxabbat

ma xi wires, u huwa impossibli. Il-bejt in kwistjoni huwa gholi tlett sulari.

Huwa ikkonferma dak li hu qal lis-Surgent Joseph Mizzi a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe` li dak il-hin tal-incident huwa kien fl-ghalqa tieghu sa ma dalam. Ikkonferma pero ukoll dak li kien qal lis-Surgent Mizzi li x'hin kien hiereg innota daqqa fuq il-vettura u ghalhekk taha daqqa bil-martell. Huwa jghid li irrabjat ma kienx, li dakinhar paguni jghajtu ma semax ghalkemm xi jiem qabel dan l-allegat incident huwa kien ghamel rapport l-ghassa dwar dan l-istess pagun.

Illi ghalkemm il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' fatti. Dik esposta mill-Prosekuzzjoni u cioe` li kien l-imputat li qatel il-pagun u tajjar lil-farewni ta' Debono billi kisser il-gagga li kienet fuq il-bejt, u dik esposta mid-difiza li hija cahda totali minn naha tal-imptuat ghal dak li gie allegat lilu.

Illi m'hemmx dubju li din il-kawza ghalhekk tiddependi kemm fuq provi cirkostanzjali kif ukoll fuq kwistjoni ta' kredibilita` ta' xhieda.

Fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeciedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Barra minn hekk huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li li l-imputat hux innocenti, u dan trid taghmlu billi bil-provi taghha twassal lil min irid jiddeciedi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubju dettat mir-raguni. Minn naha tal-Prosekuzzjoni allegazzjoni ta x'seta gara probabbilment jew possibilment ma jikkostitwixxi l-ebda prova valida. Mill-banda l-ohra l-imputat prezunt innocenti ma ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga dan jista jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli. Il-provi iridu dejjem jigu ezaminati fl-assjem taghhom (vide ghal dan il-ghan **Pulizija vs Geraldu Muscat et deciz nhar it-tnjen ta' Mejju, 1997 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali**).

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indiretti u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant (vide **Pulizija vs Paul Farrugia deciz nhar it-tlieta ta' Marzu, 2000 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali**).

Hawnhekk il-Qorti tfakkar dak li inghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen, 1952 (AC 480, 489)** citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Dawood Saved Dawood Abd el Kaade deciza nhar id-disgha ta' Gunju, 1998** li:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that ther are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference".*

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza mghotija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Lee Borg deciza nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998** fejn kien gie ritenut li provi jew indizi cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jgiu imressqa ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza mghotija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Loreto Busuttil deciza nhar il-sitta ta' Mejju, 1961**;
*"Il-prova indizzjarja li spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk il-Qorti sejra tesamina bir-reqqa ix-xhieda prodotta u taghmel l-apprezzament taghha ghal mod ta' kif wiegbu ghad-domandi li sarulhom

quddiem din il-Qorti, ghal kull interess li dawk ix-xhieda setgha kellhom.

**Carmel Debono** jghid illi ra lill-imputat jigri fuq il-bjut fuq wara li sema il-hsejjes fuq il-bejt tieghu b'mus gdid f'idejh. Jghid illi huwa qal lis-Surgent Mizzi dwar dan dakinhar li l-istess Surgent ma jinvestiga l-kaz fil-fond residenzjali tieghu.

Jghid ukoll illi s-Surgent Mizzi ma kienx interessat jinvestiga ulterjorment ghaliex kien id-dlam u daru jugghaw. Qal illi kien hemm ukoll sellun jistrieh mal-hajt u wisq probabbli l-imputat ottejna access ghall-bejt bih.

Illi **Teresa Debono** tghid illi hija ma ratx lill-imputat fuq il-bejt ghalkemm telghet fuq il-bejt ma zewgha fl-istess hin u ma ssemix li kien hemm ebda sellun. Tghid pero li kienet hi li cemplet lill-Pulizija biex tirraporta l-kaz. Tispjega ex admissis u tghid li "kien hemm qisu gebel, tela fuqhom u rah (b'referenza ghall-zewgha) jaqbez il-bjut".

Is-Surgent Mizzi jghati verzjoni totalment differenti. L-ewwel nett jghid illi kien l-imputat li ghamel ir-rapport. Dan ighidu viva voce il-Qorti. Ma jghidx li kienet Teresa Debono li cemplet l-ghassa. Fit-tieni lok jghid illi huwa mar fuq il-post u Debono fl-ebda hin ma indikalu li ra lill-imputat jaqbez xi bjut. Illi huwa ma jsemmi li ra l-ebda sellun jew gebel u fil-fatt lanqas li dawn gew indikati lilu. Jghid pero li fil-fehma tieghu huwa impossibbli li bniedem jitla fuq il-bejt ta' Debono mill-bjut adjacenti ghaliex huma dislivellati. Is-Surgent Mizzi jghid biss li l-imputat qallu li sema hsejjes fuq il-bejt qatt ma qallu li kien ra xi hadd fuq il-bejt tieghu.

Illli din it-tesi tas-Surgent fic-cirkostanzi tidher aktar kredibli u dan ghaliex kieku l-imputat gie indikat lilu dak il-hin huwa kien jinvestiga lill-imputat dak il-hin, molto piu` kien ikun f'posizzjoni li jivverifika l-alibi tieghu u possibilment jaghmel search ghall-allegat mus. Din l-investigazzjoni li kienet tkun tant ta' ghajnuna f'din il-kawza ma saritx.

Inoltre jghid illi meta huwa tkellem mal-imputat ftit tal-hin wara, l-imputat cahad b'mod kategoriku dak li gie allegat li ghamel u li infatti kienet fuq insistenza ta' Debono li gew inizjati il-proceduri odjerni.

Illi meta xehed **Paul Buttigieg** il-Qorti nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Novembru, 2003 dwar l-istima esebita minn Debono, dan jghidilna li l-gagga qatt ma ra u li l-istima harget fuq dak li qallu Debono pero interessanti l-fatt li din il-Qorti tinnota li din l-istima giet mitluba lilu mhux ai fini ta' Qorti izda ai fini ta' Insurance. Issa mill-atti processwali ma jirrisultax li Debono ghamel xi claim ma xi socjeta` assikuratrici u ghalhekk tali xhieda iddajjef il-kredibilita` li din il-Qorti ghanda tghati lil dan ix-xhud Debono.

Haga tal-iskantament ukoll li l-konjugi Debono jitilghu fuq il-bejt fl-istess hin u jaraw affarijiet differenti. Charles Debono jara lill-imputat jigri fuq il-bjut u Teresa ma taghrfux, huwa jara sellun u hija tara speci ta' gebel bhala il-modus operandi tal-malvivent.

Il-konjugi Debono ukoll ighidu li l-imputat ittanta itajjar lil binthom billi ghamel U-turn u saq ghal fuqha u heddha pero haga tal-ghageb il-Prosekuzzjoni ma ressqitx lil bint il-konjugi Debono biex tikkonferma din l-allegazzjoni u ghalhekk tali xhieda tal-konjugi Debono tammonta biss ghal hearsay evidence, evidenza li zgur mhiex accettabbli fil-kamp penali.

L-imputat minn naha l-ohra jibqa dejjem kostanti fil-verzjoni tal-fatti mghotija minnu. Jaqbel mal-konjugi Debono li kien qed ihabbat fuq il-vettura tieghu dakinhar tal-incident u dan ighidu is-Surgent Joseph Mizzi meta kien gie mitkellem qabel ma kien jaf il-verzjoni tal-konjugi Debono dwar l-alibi tal-imputat.

**Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti thoss illi l-imputat huwa aktar kredibbli u attendibbli f'dawn ic-cirkostanzi u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 325 (b), 339 (1) (e), 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------